

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Ottubru 2007

**li temenda d-Deċiżjoni 2007/554/KE rigward ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit**

(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 4674)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2007/664/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar kontrolli veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-għan li jiġi kkompletat is-suq intern<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontrolli veterinarji u żootekniċi applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċerti annimali haġġin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Wara t-tifqigħat reċenti tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-Gran Brittanja, ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/554/KE tad-9 ta' Awwissu 2007 rigward ċerti miżuri ta' protezzjoni kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fir-Renju Unit<sup>(3)</sup> biex jissaħħu l-miżuri ta' kontroll kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer meħudin minn dak l-Istat Membru fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/85/KE tad-29 ta' Settembru 2003 dwar miżuri tal-Komunità fuq il-kontroll tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer<sup>(4)</sup>.

(2) Id-Deċiżjoni 2007/554/KE tistabbilixxi regoli applikabbli għad-dispaċċ minn żoni b'riskju għoli u baxx fil-Gran Brittanja ta' prodotti kkunsidrati sikuri li jew ġew prodotti, qabel ma daħlu fis-seħħ ir-restrizzjonijiet fir-Renju Unit, minn materja li kellha s-sors tagħha barra minn dawn iż-żoni ristretti, jew li sarilhom trattament li huwa ppruvat effettiv fl-inattivazzjoni tal-virus tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer li possibbilment ikun fihom.

(3) Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija mir-Renju Unit, issa jixraq li jiġu stabbiliti regoli għad-dispaċċ ta' ċerti kategoriji ta' laħam minn ċerti żoni fejn ma ġewx ir-reġistrati tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għal-linqas għal 90 jum qabel il-qtil u li jikkonformaw ma' ċerti kundizzjonijiet speċifikati. Skond dan, għandu jiżdied Anness ġdid mad-Deċiżjoni 2007/554/KE li jelenka dawk iż-żoni bħala l-Anness III tagħha.

(4) Barra minn hekk, inqalgħu problemi bil-provvista ta' ċerti mezzi mediċi mmanifatturati skond id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi<sup>(5)</sup> minn tessuti ta' l-annimali li ġew soġġetti għal trattamenti li jirrendihom mhux vijabbli u fi stat li ma jistgħux jittrażmettu l-mard. Għalhekk, dan l-apparat mediku ma għandux jiġi soġġett għall-projbizzjoni stipulata fl-ewwel sottoparagrafu ta' l-Artikolu 8(1) tad-Deċiżjoni 2007/554/KE.

(5) Fl-interessi tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/176/KE ta' l-1 ta' Marzu 2005 li twaqqaf l-għamla kkodifikata u l-kodiċijiet għan-notifika tal-mard ta' l-annimali skond id-Direttiva tal-Kunsill 82/894/KEE<sup>(6)</sup> għandha tintuża għad-deskrizzjoni taż-żoni elenkati fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2007/554/KE, miżjuda mid-Deċiżjoni preżenti.

(6) Fid-dawl tal-qagħda fir-Renju Unit fir-rigward tal-marda, jixraq li l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2007/554/KE tiġi estiża sal-15 ta' Novembru 2007.

(7) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2007/554/KE għandha tiġi emendata skond dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

<sup>(1)</sup> ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 157, 30.4.2004, p. 33); verżjoni kkoreġuta (ĠU L 195, 2.6.2004, p. 12).

<sup>(2)</sup> ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2002/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 315, 19.11.2002, p. 14).

<sup>(3)</sup> ĠU L 210, 10.8.2007, p. 36. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2007/608/KE (ĠU L 241, 14.9.2007, p. 26).

<sup>(4)</sup> ĠU L 306, 22.11.2003, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/104/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 352).

<sup>(5)</sup> ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

<sup>(6)</sup> ĠU L 59, 5.3.2005, p. 40. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/924/KE (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 48).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, għallinqas f'dak il-perjodu.

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2007/554/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Il-projbizzjoni mniżżla fil-paragrafu 2 m' għandhiex tapplika għal laħmijiet li jkollhom marka tas-saħħa fi qbil mal-Kapitolu III tat-Taqsima I ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004, sakemm:

(a) il-laħam ikun identifikat b'mod ċar, u jkun ġie ttrasportat u maħżun mid-data tal-produzzjoni separatament minn laħam mhux eliġibbli, fi qbil ma' din id-Deċiżjoni, għal dispaċċ barra ż-żoni elenkati fl-Anness I.

(b) il-laħam ikun konformi ma' waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikun inkiseb qabel il-15 ta' Lulju 2007; jew

(ii) ikun inkiseb minn annimali mrobbija għallinqas għal 90 jum qabel id-data tal-qatla u maqtula; jew fil-każ ta' laħam miksub minn speċi selvaġġi tal-kaċċa suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ('speċi selvaġġi tal-kaċċa') maqtula, barra miż-żoni elenkati fl-Anness I u II; jew

(iii) ikun konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punti (ċ), (d) u (e);

(ċ) il-laħam ikun inkiseb minn unġulati domestiċi jew minn speċi mrobbija tal-kaċċa suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ('speċi mrobbija tal-kaċċa'), kif speċifikat għall-kategorija rispettiva ta' laħam fil-kolonna xierqa mill-kolonna 4 sa 7, fl-Anness III, u jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-annimali jkunu ġew imrobbija għallinqas għal 90 jum qabel id-data tal-qatla fuq stabbiliment fiż-żoni speċifikati fil-kolonna 1, 2 u 3 ta' l-Anness III, fejn ma kienx hemm tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għallinqas f'dak il-perjodu;

(ii) matul it-30 jum qabel id-data tat-trasport mill-biċċerija, jew fil-każ ta' speċi mrobbija tal-kaċċa qabel id-data tal-qtil fl-istabbiliment stess, l-annimali nżammu taħt is-supervizzjoni ta' l-awtoritajiet veterinarji kompetenti fuq stabbiliment wieħed li jkun jinsab fiċ-ċentru ta' ċirku madwar l-istabbiliment b'radju ta' għallinqas 10 km, fejn ma kienx hemm

(iii) ebda annimal ta' speċi suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer ma ddaħħal fl-istabbiliment imsemmi fil-punt (ii) matul il-21 jum qabel id-data tat-tagħbija, jew fil-każ ta' speċi mrobbija għall-kaċċa, qabel id-data tal-qtil fl-istabbiliment stess, ħlief fil-każ ta' ħnieżer li jkunu ġejjin minn stabbiliment tal-provvista li jkun konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (ii), f'liema każ, il-perjodu ta' 21 jum jista' jitnaqqas għal 7 ijiem;

(iv) l-annimali jew, fil-każ ta' speċi mrobbija għall-kaċċa maqtula fl-istabbiliment, il-karkassi jkunu ġew ittrasportati taħt kontroll uffiċjali f'mezzi tat-trasport li jkunu tnaddfu u ġew diżinfettati qabel it-tagħbija mill-istabbiliment imsemmi fil-punt (ii) direttament lejn il-biċċerija ddeżinjata;

(v) l-annimali jkunu ġew maqtula inqas minn 24 siegħa wara l-ħin tal-wasla fil-biċċerija u separatament minn annimali li l-laħam tagħhom mhux eliġibbli għad-dispaċċ miż-żona elenkata fl-Anness I;

(d) laħam frisk, jekk ikun immarkat pożittivament fil-kolonna 8 ta' l-Anness III, li jkun miksub minn speċi selvaġġi tal-kaċċa li nqatlu f'żoni fejn ma kienx hemm tifqigħat tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer għallinqas għal perjodu ta' 90 jum qabel id-data tal-qtil u f'distanza ta' għallinqas 20 km minn żoni mhux speċifikati fil-kolonna 1, 2 u 3 ta' l-Anness III;

(e) Laħam imsemmi fil-punti (ċ) u (d) għandu jikkonforma wkoll mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) id-dispaċċ ta' laħam bħal dan għandu jiġi awtorizzat biss mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti tar-Renju Unit, jekk l-istabbiliment tad-dispaċċ ikun jinsab fiż-żoni speċifikati fil-kolonna 1, 2 u 3 ta' l-Anness III;

(ii) il-laħam frisk ikun f'kull ħin identifikat b'mod ċar, u jkun amministrat, ittrasportat u maħżun separatament minn laħam li mhuwiex eliġibbli għad-dispaċċ miż-żoni elenkati fl-Anness I;

(iii) fl-ispezzjoni *post-mortem* mill-veterinarju uffiċjali fl-istabbiliment tad-dispaċċ, jew fil-każ ta' qtil fl-istabbiliment stess imsemmi fil-punt (ċ)(ii), jew fil-każ ta' speċi selvaġġi tal-kaċċa, fl-istabbiliment fejn jiġu kkaċċati l-ispeċi tal-kaċċa, ma jkunu ġew stabbiliti ebda sinjali kliniċi jew evidenza *post-mortem* tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer;

(iv) il-laħam ikun baqa' fl-istabbilimenti msemija fil-punt (iii) ta' dan il-paragrafu għallinqas għal 24 siegħa wara l-ispezzjoni *post-mortem* ta' l-annimali msemija fil-punt (c) u (d);

(v) fil-każ fejn il-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer tkun għet djanjostikata fi stabbilimenti msemija fil-punt (iii) ta' dan il-paragrafu, kwalunkwe preparazzjoni oħra tal-laħam għad-dispaċċ 'il barra miż-żona msemija fl-Anness I għandha tiġi awtorizzata biss wara l-qtil ta' l-annimali l-oħra kollha preżenti, it-tneħħija tal-laħam u l-annimali mejta kollha u mhux qabel 24 siegħa wara t-tlestija tat-tindif u d-diżinfekzjoni totali ta' dawk l-istabbilimenti taħt il-kontroll ta' veterinarju uffiċjali;

(vi) l-awtoritajiet veterinarji ċentrali għandhom jikkomunikaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni lista ta' dawk l-istabbilimenti li jkunu approvaw għall-finijiet ta' l-applikazzjoni tal-punti (c), (d) u (e).

(2) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 2, il-punt (j) jinbidel b'dan li ġej:

“(j) prodotti mediċinali kif definiti fid-Direttiva 2001/83/KE, taġġmir mediku mmanifatturat bl-użu ta' tessuti ta' l-annimali li jsiru mhux vijabbli kif imsemmi fl-Artikolu 1(5)(g) tad-Direttiva 93/42/KEE, il-prodotti mediċinali kif definiti fid-Direttiva 2001/82/KE, u l-prodotti mediċinali investigattivi kif definiti fid-Direttiva 2001/20/KE.”

(b) Il-Paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

“7. B'deroga mill-paragrafu 3, fil-każ ta' prodotti msemija fil-paragrafu 2(i) u (j), għandu jkun biżżejjed li jkunu akkumpanjati b'dokument kummerċjali li jiddikjara li l-prodotti jkunu għall-użu bħala reaġenti dijanjostiċi in-vitro jew tal-laboratorju, prodotti mediċi jew taġġmir mediku bil-kundizzjoni li l-prodotti jkollhom tikketta li tgħid ċar 'għall-użu dijanjostiku in-vitro biss' jew 'għall-użu fil-laboratorju biss', bħala 'prodotti mediċinali' jew bħala 'taġġmir mediku.’”

(3) Fl-Artikolu 17, “il-15 ta' Ottubru 2007” tinbidel bi “il-15 ta' Novembru 2007”;

(4) Jiżdied Anness III ġdid, li t-test tiegħu huwa stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

#### Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li japplikaw għall-kummerċ biex iġibuhom konformi ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

#### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni

## ANNEX

## "L-ANNEX III

1	2	3	4	5	6	7	8
GRUPP	ADNS	Unità Amministrattiva	B	S/G	P	FG	WG
<b>Il-Gżejjer Skoċċiżi</b>	131	Shetland Islands	+	+	+		
	123	Orkney Islands	+	+	+		
	124	NA H-Eileanan An Iar	+	+	+		
<b>L-Iskozja</b>	121	Highland	+	+	+		
	122	Moray	+	+	+		
	126	Aberdeenshire	+	+	+		
	128	Aberdeen City	+	+	+		
	79	Angus	+	+	+		
	81	Dundee City	+	+	+		
	80	Clackmannanshire	+	+	+		
	90	Perth & Kinross	+	+	+		
	127	Fife	+	+	+		
	85	Falkirk	+	+	+		
	88	Midlothian	+	+	+		
	96	West Lothian	+	+	+		
	129	City of Edinburgh	+	+	+		
	130	East Lothian	+	+	+		
	92	Scottish Borders	+	+	+		
	94	Stirling	+	+	+		
	125	Argyll and Bute	+	+	+		
	83	East Dunbartonshire	+	+	+		
	84	East Renfrewshire	+	+	+		
	86	City of Glasgow	+	+	+		
	87	Inverclyde	+	+	+		
	89	North Lanarkshire	+	+	+		
	91	Renfrewshire	+	+	+		
	93	South Lanarkshire	+	+	+		
	95	West Dunbartonshire	+	+	+		
	82	East Ayrshire	+	+	+		
132	North Ayrshire	+	+	+			
133	South Ayrshire	+	+	+			
134	Dumfries & Galloway	+	+	+			
<b>L-Ingilterra</b>	141	Cumbria	+	+	+		
	169	Northumberland	+	+	+		
	10	Gateshead	+	+	+		
	16	Newcastle upon Tyne	+	+	+		
	17	North Tyneside	+	+	+		
	26	South Tyneside	+	+	+		
	29	Sunderland	+	+	+		
	144	Durham	+	+	+		
	52	Darlington	+	+	+		
	55	Hartlepool	+	+	+		
	58	Middlesbrough	+	+	+		
64	Redcar and Cleveland	+	+	+			
69	Stockton-on-Tees	+	+	+			

1	2	3	4	5	6	7	8
GRUPP	ADNS	Unità Amministrattiva	B	S/G	P	FG	WG
	151	Lancashire	+	+	+		
	38	Blackburn with Darwen	+	+	+		
	39	Blackpool	+	+	+		
	176	North Yorkshire minbarra Selby	+	+	+		
	177	Selby District	+	+	+		
	78	York	+	+	+		
	53	East Riding of Yorkshire	+	+	+		
	45	City of Kingston upon Hull	+	+	+		
	60	North East Lincolnshire	+	+	+		
	61	North Lincolnshire	+	+	+		
	32	West Yorkshire li tikkonsisti minn Wakefield District	+	+	+		
	11	Kirklees District	+	+	+		
	6	Calderdale District	+	+	+		
	4	Bradford	+	+	+		
	13	Leeds	+	+	+		
	1	South Yorkshire li tikkonsisti minn Barnsley District	+	+	+		
	8	Doncaster District	+	+	+		
	20	Rotherham District	+	+	+		
	24	Sheffield District	+	+	+		
	30	Greater Manchester li tikkonsisti minn Tameside District	+	+	+		
	18	Oldham District	+	+	+		
	19	Rochdale District	+	+	+		
	5	Bury District	+	+	+		
	3	Bolton District	+	+	+		
	21	Salford District	+	+	+		
	31	Trafford District	+	+	+		
	15	Manchester District	+	+	+		
	27	Stockport District	+	+	+		
	34	Wigan District	+	+	+		
	12	Merseyside li tikkonsisti minn Knowsley District	+	+	+		
	14	Liverpool District	+	+	+		
	23	Sefton District	+	+	+		
	28	St. Helens District	+	+	+		
	74	Warrington	+	+	+		
	140	Cheshire County	+	+	+		
	54	Halton	+	+	+		
	35	Wirral District	+	+	+		
	142	Derbyshire County	+	+	+		
	44	City of Derby	+	+	+		
	157	Nottinghamshire County	+	+	+		
	47	City of Nottingham	+	+	+		
	153	Lincolnshire	+	+	+		
	159	Shropshire	+	+	+		
	71	Telford and Wrekin	+	+	+		
	161	Staffordshire County	+	+	+		
	50	City of Stoke-on-Trent	+	+	+		

1	2	3	4	5	6	7	8
GRUPP	ADNS	Unità Amministrattiva	B	S/G	P	FG	WG
	170	Devon County	+	+	+		
	73	Torbay	+	+	+		
	136	Plymouth	+	+	+		
	171	Cornwall County	+	+	+		
	172	Isles of Scilly	+	+	+		
	114	Isle of Wight	+	+	+		
<b>Wales</b>	115	Sir Ynys Mon – Isle of Anglesey	+	+	+		
	116	Gwynedd	+	+	+		
	103	Conwy	+	+	+		
	108	Sir Ddinbych-Denbigshir	+	+	+		
	111	Sir Y Fflint-Flintshire	+	+	+		
	113	Wrexham-Wrexham	+	+	+		
	173	North Powys	+	+	+		
	174	South Powys	+	+	+		
	118	Sir Ceredigion-Ceredigion	+	+	+		
	110	Sir Gaerfyrddin-Carmarthen	+	+	+		
	119	Sir Benfro-Pembrokeshire	+	+	+		
	97	Abertawe-Swansea	+	+	+		
	102	Castell-Nedd Port Talbot-Neath Port Talbot	+	+	+		
	105	Pen-y-Bont Ar Ogwr – Bridgend	+	+	+		
	107	Rhondda/Cynon/Taf	+	+	+		
	99	Bro Morgannwg-The Valee of Glamorgan	+	+	+		
	98	Bleanau Gwent	+	+	+		
	112	Tor-Faen – Tor Faen	+	+	+		
	101	Casnewydd – Newport	+	+	+		
	104	Merthyr Tudful-Merthyr Tydfil	+	+	+		
	100	Caerffili – Caerphilly	+	+	+		
	117	Caerdydd – Cardiff	+	+	+		
	109	Sir Fynwy – Monmouthshire	+	+	+		

ADNS = Animal Disease Notification System Code (il-Kodiċi għan-Notifika tal-Mard ta' l-Animali) (id-Deċiżjoni 2005/176/KE)

B = bovine meat (laħam tal-bovini)

S/G = laħam tan-ngħaġ u l-mogħoż

P = pig meat (laħam tal-majjal)

FG = farmed game of species susceptible to foot-and-mouth disease (speċi mrobbija għall-kaċċa suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer)

WG = wild game of species susceptible to foot-and-mouth disease (speċi selvaġġi tal-kaċċa suxxettibbli għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer)